**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 29 – IT-TNEJN, 18 TA’ AWWISSU 2014 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku (6.50pm) |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 28**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jigu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.1 Rigward il-paragrafu 3.1 ġie deċiż li ma jsirx il-un/loading bay fi Triq San Franġisk.

2.2 Rigward il-paragrafu 6.2 ġie deċiż li tintalab laqgħa mal-GreenPak.

**3 Pagamenti Numru 26**

3.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-Pagament numru 43 ħlas lid-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili għal servizzi tal-fire engine waqt il-festa. Ġie deċiż li l-pagament jitħallas imma tintbagħat ittra lill-Għaqda Piroteknika li s-sena d-

diehla l-ammont massimu li ser jitħallas mill-Kunsill għal dan is-servizz hu 300 Ewro. Il-kumplament jitħallas mill-Għaqda.

3.2 Rigward pagament numru 46 lit-Twish, is-Sinjura Marica Bayliss stqarret li mhux kuntenta bix-xogħol tal-knis f'San Ġwann. Saret laqgħa mal-kuntrattur, imma s-sub-contractor mhux qed jagħmel xogħol tajjeb. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jitwaqqaf dan il-pagament sakemm isir xogħol tajjeb. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 5 favur u 2 kontra. Is-Sinjura Joan Farrugia ma taqbilx ma' din id-deċiżjoni minħabba li m'għandux jeħel il-kuntrattur minħabba s-sub-contractor. Is-Sur Trevor Fenech jaqbel li tintbagħat warning u mhux jitwaqqaf il-pagament. Is-Sinjura Marica Bayliss qalet li l-pagament jitwaqqaf sakemm il-kuntrattur iġib San Ġwann up-todate fix-xogħol tal-knis.

3.3 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Trevor Fenech skuża ruħu mil-laqgħa (6.40pm).

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret applikazzjoni mal-MAGF taħt Measure 125.

4.2 Ir-Reġjun infurmana li jista' jkun hemm aktar fondi għall-proġetti.

4.3 Ġie deċiż li jinxtara Printer/Scanner għall-uffiċċju tal-Administration.

4.4 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss mal-Ministeru għat-Trasport u Xogħlijiet, fuq il-proġett ta' Ġnien Karin Grech, għandha ssir fl-Uffiċċju tal-Kunsill u kulħadd ikun mistieden.

**5 Kwotazzjoni SGN/Q/04/14 – Tindif ta' Culverts**

5.1 Kien hemm diskussjoni fuq din. Is-Sinjura Rita Saliba pproponiet li tintgħażel l-irħas offerta ta' din il-kwotazzjoni. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu. L-irħas offerta kienet dik tas-Sur Owen Borg b'ammont ta' 730 Ewro.

**6 Xogholijiet tal-Kumitat Amministrativ Kappara**

6.1 Ġew approvati xogħol imressaq mill-KAC. Dawn jinkludu tliet locality maps, 6 tabelli "clean after your dog" transfer ta' doggie bin, u xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq tabelli u sinjali tat-toroq.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis daħal għal-laqgha (6.50pm).

**7 Affarjiet oħra**

7.1 Is-Sinjura Rita Saliba nfurmat lill-Kunsill li hemm tliet bozoz itepptu fi Triq il-Kampanella ħdejn Ġnien Ġorġ Zarb.

7.2 Is-Sinjura Joan Farrugia nfurmat lill-Kunsill, li l-klabb tal-boċċi ser jagħmlu attività għal Puttinu Cares fis-6 ta' Settembru u hemm bżonn li tingħalaq Triq il-Pepprin għal din l-attività. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgha (7.20pm).

7.2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet ukoll rigward żewġ bankijiet li nqalgħu xi żmien ilu. Is-Sur Dominic Cassar infurmaha li dawk tnehhew ghax kienu diga

maqlughin u setaw jinsterqu. Hi lmentat li t-tisqija mhux qed issir tajjeb fil-ġonna speċjalment f’Misraħ Lewża. Rigward il-gonna, specjalment Misrah Lewza, il-Kunsillier Dominic Cassar qal li kemm idum dan il-Gvern, ma jrid jaghmel xejn.

7.3 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex tintbagħat ittra lil TM rigward l-inċident li sar fit-13 ta' Awwissu fejn karozza tal-linja telgħet fuq il-bankina fi Vjal ir-Riħan. Fl-ittra għandu jkun hemm 3 affarjiet. Talba biex issir barrier f'din il-parti tat-triq, biex issir tiswija tal-ħsara li sar f'dan l-inċident, u li tiġi rranġata din il-parti tat-triq minħabba li hija fi stat ħazin. Is-Sinjura Bayliss talbet ukoll biex terġa’ ssir tabella fi Triq iċ-Ċiklamini “Park exhaust outwards”. Għandha tintbagħat ittra lill-HA rigward ir-responsabbiltà tal-manutenzjoni fil-parti komuni tal-flats tal-gvern. Għandha tintalab għal laqgħa mal-Managment tal-Lidl San Ġwann.

7.4 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill bin-numru ta' bozoz li hemm maqtugħin li huma responsabbli tal-Enemalta. Hu nforma lill-Kunsill li kien hemm minn talbu biex triq il-Begonja jitneħħa l-parkeġġ minħabba aċċess. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lir-residenti biex nieħdu l-opinjoni tagħhom. Ġie deċiż ukoll li jsir it-tindif Non Urban. Is-Sur Cassar informa lill-Kunsill li l-mera fi Sqaq Qasbi reġgħet ġiet misruqa. Ġie deċiż li ma terġax issir.

## 8 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 15 ta’ Settembru 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |